# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 237 / 13RGM

Kawza fil-lista: 12

**A *sive* B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kienu sseparaw "a mensa et thoro" permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Dr Carmel Gafa fis-sittax (16) ta' Novembu tas-sena elf, disa mija u tnejn u disghin (1992).

2. Illi peress illi kienu rrikonciljaw billi regghu inghaqdu flimkien ghal xi zmien, u wara dan regghu sseparaw ghat-tieni darba, il-partrjiet ikkonfermaw is-separazzjoni taghhom u rregolaw l-pozizzjoni taghhom b'att pubbliku ippubblikat min-Nutar Dr Rachel Mallia fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003).

3. Illi skont l-artikolu numru tlieta (3) tal-ahhar kuntratt, l-attur intrabat u obbliga ruhu li jhallas lil-konvenuta s-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55), illum ekwivalenti ghal EUR 128.15 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha ghal hajjitha kollha, liema somma ghandha tithallas kull gimgha bil-quddiem u r-rata, tal-manteniment ghandha tizdied skont iz-zieda fir-rata ta' inflazzjoni li tohrog skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghandu jsir kull perjodu ta' hames (5) snin, b'dan li r-rata ta' inflazzjoni tigi kkalkolata a bazi tad-differenza li jkun hemm fl-indici fil-perjodu indikat.

4. Illi hu dejjem ghamel hiltu kollha sabiex ihallas l-ammonti dovuti fil-hin sahansitra anki meta kellu problem finanzjarji. Madanakollu s-sitwazzjoni tieghu marret drastikament ghall-aghar u nbidlet kompletament f dan l-ahhar zrnien kif ser jirrizulta matul t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

5. Illi llum il-gurnata l-attur m'ghandux impjieg wara li dan gie tterminat. Oltre dan, l-attur ghandu certiflkat illi m'huwiex tajjeb ghax-xoghol minhabba problemi ta' sahha bil-konsegwenza li jinsab fl-impossibilita' li jottempera ruhu mal-obbligu pattwit fl-imsemmi kuntratt tal-24 ta' Lulju 2003 ghall-hlas ta' manteniment lill-konvenuta. In fatti, kif ser jigi ppruvat, huwa kellu jirritorna fid-dar matrimonjali fis-sena 2008 minhabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji.

6. Illi l-attur jippercepixxi introjtu esklussivament mill-pensjoni tieghu li tammonta ghas-somma ta' EUR 641 44 (sitt mija, wiehed u erbghin Ewro u erbgha u erbghin Ewro centezmu) u bonus zghir kull sitt xhur.

7. Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi godda jirrizulta li ghandhom jigu varjati l-modalitajiet u l-ammont tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta kif pattwit bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni relattiv datat 24 ta' Lulju 2003 sabiex tigi riflessa l-posizzjoni finanzjarja gdida tieghu, ossia l-impossibilita li huwa jhallas il-manteniment kif pattwit fil-kuntratt tal-24 ta' Lulju 2003 u infatti qieghed jipprezenta rikors guramentat b'talba ghall-varjazzjoni tal-ammont tal-manteniment kontestwalment ma' dan ir-rikors.

8. Illi saru proceduri ta' medjazzjoni (Medjazzjoni numru 537/13) dwar din il-kwistjoni izda dawn gew maghluqa nhar it-tmintax (18) ta' Settembru 2013, peress illi ma setax jintlahaq ftehim bejn il-partijiet, u kwindi l-attur gie awtorizzat illi jipprocedi b'din l-istanza permezz ta’ digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti li jgib in-numru 1877/13.

9. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza ta' l-attur.

Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Prevja n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni u prevja dikjarazzjoni illi l-attur jinsab fl-impossibilita li jadempixxi l-obbligu tieghu rigward hlas tal-manteniment stante tibdil drastiku fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu, tvarja l-klawzoli kontenuti fil-kuntratt tas-separazzjoni datat 24 ta' Lulju 2003 (erbgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta) u degretata minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-tmintax (18) ta' Settembru 2013 sa fejn dan jirrigwarda l-hlas ta' manteniment lill-konvenuta billi tirriduci l-ammont stabbilit bhala manteniment dovut lill-intimata ghal ammont inqas li jirrifletti l-mezz tal-attur fil-prezent skont kif jista' jigi determinat minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Prevja n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, tiddikjara illi l-mezzi ta' l-attur inbidlu drastikament ghall-aghar miz-zmien tal-konkluzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Lulju 2003;

2. Tiddikjara illi l-attur jinsab ghalhekk fl-impossibbilita' li jadempixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment lill-konvenuta hekk kif stipulat fl-istess kuntratt fuq imsemmi;

3. Tvarja ghalhekk il-klawsoli kontenuti fil-kuntratt tas-separazzjoni datat 24 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia, ossia l-klawsola bin-numru tlieta (3) ta' l-istess kuntratt, fejn jirrigwarda l-hlas ta' manteniment, billi tirriduci l-ammont pagabbli mill-attur in linea ta' manteniment lill-konvenuta, u tiffissa ammont li huwa xieraq tenut kont tal-mezzi finanzjarji prezenti tal-attur.

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-medjazzjoni bejn il-partijiet kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi l-azzjoni mressqa mill-attur hija guridikament improponibbli billi hawn si tratta ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u per konsegwenza japplika l-principju ta' 'pacta sund servanda' fil-konfront ta' l-attur;

Illi huwa ben risaput illi l-principju ta' 'pacta sunt servanda' ma jaghtix lok lill-attur illi jittenta jirrevedi stipulazzjonijiet kuntrattwali minnu liberament accettati hlief sa fejn tali revizjoni huwa kkontemplat fil-kuntratt, liema kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta' revizjoni tal-manteniment fl-ebda cirkostanza;

Illi l-indigenza allegata mill-attur hija kontestata mill-konvenuta ghar-ragunijiet illi ghandhom jirrizultaw bhala validi fil-kors tas-smigh tal-kawza;

Illi ma tezisti l-ebda bdil fic-cirkostanzi minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bonarju u cioe' fl-elfejn u tlieta (2003) li timmerita li jkun hemm xi tip ta' revizjoni tal-manteniment li l-attur ntrabat li jaghti lil konvenuta u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attur billi l-ftehim propost minnu ma setax jigi accettat;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Digriet taghha moghti fl-udjenza tal-25 ta’ Marzu 2014 fejn innominat lil Dr. Veronica Zammit bhala medjatur biex isir l-ahhar tentattiv ta’ transazzjoni bejn il-partijiet dwar il-mertu ta’ din il-kawza;

Rat in-nota ta’ l-istess medjatur tad-29 ta’ Mejju 2014 fejn talbet lill-Qorti biex taghlaq il-medjazzjoni wara li l-partijiet ma waslux ghal ftehim;

Rat ukoll id-Digriet taghha moghti fl-21 ta' April 2014 fejn innominat bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia bis-soliti fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha moghti in camera fis-17 ta' Novembru 2015 fejn cahdet ir-rikors ta' l-attur tat-30 ta' Gunju 2015 ghar-riduzzjoni *pendente lite* tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li jinsab fl-impossibilita` li jadempixxi l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment pagabbli lil martu l-konvenuta, stante tibdil drastiku fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu peress li llum l-uniku dhul li jippercepixxi huwa l-pensjoni oltre li ghandu wkoll problemi ta' sahha li ma jippermettulux jahdem iktar. L-attur ghalhekk irid ivarja l-kuntratt ta' separazzjoni datata 24 ta' Lulju 2003 billi jikseb riduzzjoni ta' l-ammont stabbilit bhala manteniment dovut lill-konvenuta, ghal ammont xieraq li jirrifletti l-mezzi tieghu fil-prezent.

Il-konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, eccepiet l-impropronibbilita` ta' l-azzjoni minhabba l-applikazzjoni tal-principju 'pacta sunt servanda' li jipprekludi r-revizjoni ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali li jkunu gew liberament accettati, hlief sa fejn tali revizjoni huwa kkontemplat fil-kuntratt u f'dan il-kaz il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet ma jipprospettax ir-revizjoni tal-manteniment. Fil-mertu l-konvenuta teccepixxi li ma kien hemm ebda tibdil fil-mezzi ta' l-attur li jimmerita revizjoni ta' l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-mantiment skont il-kuntratt ta' separazzjoni u tikkontesta l-allegata indigenza ta' l-attur.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Il-Qorti tosserva li l-uniku xhud li xehed f'din il-kawza huwa l-attur.

**L-attur xehed permezz ta' Affidavit li pprezenta fis-6 ta' Marzu 2014.**

Fl-Affidavit tieghu jghid li meta sar l-ewwel kuntratt ta' separazzjoni fl-1992, lill-konvenuta kien taha d-dar matrimonjali filwaqt li hu kien zamm il-kumpanija A (B) C and Sons Limited, fejn martu baqghet ukoll azzjonista b'9% ta' l-ishma. Skont l-attur, dak iz-zmien l-affarijiet ma kienux daqshekk hazin u kien kostrett li jaqsam l-assi b'dan il-mod ghaliex kellu dahru mal-hajt minhabba t-tfal tieghu.

L-attur jispjega li fis-sena 2004, il-kumpanija li kellu falliet izda xorta baqa' jiehu €10,000 fis-sena sas-sena 2006, u minn dan l-ammont huwa kien qed jaghti lill-konvenuta €6,700. Jghid illi f'nofs is-sena 2006, il-kumpanija falliet totalment u fis-sena 2007 ma baqax jiehu s-somma ta' €10,000. Hemmhekk beda jahdem ma' kumpannija jisimha 'Greenlines' fejn kien jaqla' €9,600 fis-sena, kif ukoll kien jircievi somma annwali ta' €3,600 min-negozju tal-bumping cars tat-tifel tieghu James C, liema somma kienet tidhol bejn ix-xhur ta' Lulju u Settembru. Fis-sena 2008, l-attur jghid li ma baqax jahdem mal-kumpanija Greenlines minhabba problemi ta' sahha u kellu ghalhekk biss €3,600 dhul min-negozju tal-bumping cars, kif ukoll €17 fil-gurnata sigurta` socjali. L-ahhar li rcieva dhul min-negozju tal-bumping cars kien fis-sena 2013 ghaliex ma baqax jahdem in-negozju mat-tifel tieghu, u fis-sena 2010, beda jiehu biss il-pensjoni fis-somma ta' cirka €650 fix-xahar.

L-attur ikompli jispjega li llum bhala dhul, huwa jircievi biss il-pensjoni, u minnha ma jifdallu xejn. Skont il-kuntratt tas-separazzjoni huwa obbliga ruhu jaghti lill-konvenuta is-somma ta' €147.30 fil-gimgha, cioe` €589.20 fix-xahar, li hija kwazi il-pensjoni kollha. L-attur jghid li huwa rega' zzewweg fis-sena 2012 wara li ottjena d-divorzju (l-atti relattivi jinsabu esebiti bhala Dok. LS1) u l-mara l-gdida tieghu qed thallas il-kera tar-residenza fejn joqoghdu kif ukoll il-kontijiet kollha tad-dar. Skont l-attur, hu jiddependi finanzjarjament fuq il-mara l-gdida tieghu izda jghid li huwa lest jaghti nofs il-pensjoni lill-ewwel mara tieghu.

Jghid ukoll illi fit-8 ta' Awwissu 2012 ghamel operazzjoni f'qalbu (fol. 31 u 36 *et seq*) u f'Dicembru 2013 kellu aktar problemi fil-qalb u kellu jidhol l-isptar fil-21 ta' Ottubru 2013 (fol. 31 sa 33). Skont l-attur, il-problemi li ghandu f'qalbu bdew fis-sena 2008 izda sussegwentment ikkjarifika illi huwa beda jbati minn *coronary artery disease* fis-sena 2002.

L-attur jghid li ma jistax ikompli jhallas il-manteniment li kien ihallas qabel ghaliex ma ghandux l-istess dhul. Meta seta' jhallas lill-konvenuta, huwa dejjem hallahsa ghaliex ma riedx jispicca l-habs, izda issa ghandu problema f'sahhtu u ma jistax jahdem u ghalhekk il-pozizzjoni finanzjarja tieghu hija kompletament differenti minn dik li kienet fiz-zmien meta ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni fl-2003.

Bhala assi l-attur jispjega li ghandu biss porzjoni ta' art Hal Qormi u garage li jiswew xi Lm80,000 izda ghandu wkoll dejn marbut mat-taxxa fis-somma ta' €180,000), dejn mal-MFSA fis-somma ta' €42,000, u arretrati ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali fis-somma ta' €28,000 pju` €10,000 dovut lill-accountant tieghu minhabba l-problemi finanzjarji li kellu bil-kumpanniji tieghu.

**L-attur xehed minn jeddu wkoll quddiem l-Assistent Gudizzjarju fl-20 ta' Gunju 2014, 25 ta' Settembru 2014 u 20 ta' Novembru 2014.**

Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li huwa accetta li jhallas is-somma ta' Lm55 fil-gimgha lill-konvenuta ghaliex ic-cirkostanzi tieghu dak iz-zmien kienu jippermettu ghaliex kellu introjtu min-negozju tar-restaurant jismu Da Carmelo li

sussegwentement ma baqax jopera, u jghid li kien hemm kawza dwar id-dejn dovut fuq dan in-negozju. Skont l-attur, kellu introjtu wkoll min-negozju tal-bumping cars kif ukoll min-negozju tad-detergents tal-kumpanija Interchem Worldwide Limited.

L-attur jispjega li huwa l-uniku direttur ta' tliet kumpanniji: Interchem Worldwide Limited, Jolly Leisure Company Limited u A (B) C & Sons Limited izda dawn il-kumpanniji ma baqghux joperaw. Ghar-rigward Jolly Leisure Company Limited, jghid li din twaqqfet fis-sena 1994 u giet xjolta sena wara.

Jghid li ghandu wkoll problemi rigward hlas ta' taxxa fuq id-dhul personali fejn id-Dipartiment tat-Taxxa hareg *ex officio assessment* fil-konfront tieghu ghall-hlas ta' €168,000, liema somma huwa kkontesta li hija dovuta. Jispjega wkoll li hemm dejn ta' Lm5,000 dovut lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

L-attur kompla jispjega li bejn is-snin 2006 u 2008 huwa kien jahdem bhala *yard manager* mal-kumpannija Greenlines u wara li spicca minn dan l-impieg beda negozju ma' missieru fuq xoghol ta' skips fejn kien jaqla' cirka Lm320 fix-xahar izda kellu jieqaf minn dan ix-xoghol minhabba li beda jbati minn problemi f'qalbu. Jispjega li huwa beda jbati minn *coronary artery disease* fis-sena 2002. Illum ghandu sitta u sittin sena u t-tfal tieghu kollha jahdmu.

Huwa rcieva l-ahhar pagament minn dan in-negozju li kellu ma' missieru, f'Ottubru tas-sena 2014 u huwa ghalhekk li sa dak iz-zmien seta' jkompli jhallas il-manteniment lill-konvenuta. Ikkjarifika wkoll li n-negozju tal-bumping cars li ghandu mat-tifel tieghu James C, illum spicca u fis-sena 2014 ircieva l-ahhar pagament ta' €2,200. Skont l-attur, dan in-negozju ma jistax ikompli jopera ghaliex ma nharigx il-permess biex jintramaw il-bumping cars ghas-sena ta' wara. L-attur jispjega illi ghalhekk, l-introjtu li ghandu ser ikun biss ta' €640 fix-xahar pensjoni li huwa lest ihallas nofsu lill-konvenuta. Ippropona wkoll li jbiegh l-art u l-garaxx li jappartjenu lill-kumpannija A (B) C and Sons Limited u li fuqhom il-konvenuta ghandha iskritta a favur taghha ipoteka specjali bhala garanzija ghall-hlas tal-manteniment, biex mir-rikavat jaghmel tajjeb ghad-differenza fil-manteniment dovut lill-konvenuta.

**L-attur xehed ukoll in kontro-ezami, waqt is-seduti ta' l-24 ta' Marzu 2015 u 11 ta' Gunju 2015 quddiem l-Assistent Gudizzjarju u fis-6 ta' April 2017 quddiem il-Qorti.**

In kontro-ezami, l-attur ikkonferma li t-tliet kumpanniji li kellu u li kollha fallew, ma kellhomx dejn hlief dejn tat-taxxa li ghadu dovut sallum, kif ukoll arretrati ta' licenzji u multi tal-karozzi. Jispjega li l-impieg tieghu mal-kumpannija Greenlines spicca ghaliex kien tkecca fis-sena 2008 u sussegwentement, flimkien ma' missieru fethu ghal rashom fl-istess qasam ta' negozju. Ikkonferma li n-negozju tal-bumping cars li originarjament kien ta' missieru, ilu miftuh mis-sena 1970 u kien taht il-kontroll tieghu sas-sena 2002 meta ghadda l-gestjoni tan-negozju lil ibnu James C u baqa' jiehu biss sehem mill-qligh tan-negozju. Skont

l-attur, it-tifel tieghu ma hallsux sehmu fis-sena 2008 ghaliex dak iz-zmien kien ghamel spejjez sostanzjali biex jipprova jsalva n-negozju.

Jispjega wkoll kif wara s-sena 2008 meta tkecca mill-impieg tieghu mal-kumpannija Greenlines, sakemm beda jircievi l-pensjoni, huwa rnexxielu jhallas il-manteniment tal-konvenuta ghaliex f'April tas-sena 2008, meta kellu problemi bil-finanzi, huwa telaq il-partner li kellu u rega' mar jghix mal-konvenuta fid-dar taghha. F'dak il-perijodu huwa kien ihallasha cirka mitejn Euro permezz ta' *cheque*. L-attur qal illi llum huwa jghix bil-pensjoni u bl-ghajnuna tal-familja u t-tfal li jghinuh sakemm tispicca l-kawza.

Ma jaqbilx illi n-negozju tal-bumping cars ghadu ghaddej u jaqla' introjtu minnu. Jispjega li t-tifel tieghu ghadu jhallas il-kera ta' l-art fejn jintramaw il-bumping cars izda ghalkemm huma ghandhom ftehim biex it-tifel ihallsu nofs il-qligh tan-negozju, huwa t-tifel tieghu li jiddeciedi jekk ihaddimx in-negozju. Jikkonferma li l-ahhar li rcieva dhul minn dan in-negozju kien fis-sena 2013.

Dwar il-problemi medici tieghu, l-attur jikkonferma li kienet is-sitwazzjoni medika tieghu kif deskritta fic-certifikat mediku ta' Dr. Joseph Pace[1] datat 21 ta' Ottubru 2013, li gieghlitu jieqaf mix-xoghol mal-kumpannija Greenlines.

Jispjega wkoll li sas-sena 2012 sakemm ha d-divorzju minn mal-konvenuta D E, il-problemi finanzjarji kienu ikbar, u kienu gravi ukoll anke qabel ma hadu s-separazzjoni fis-sena 2003. Skont l-attur, dawn il-problemi solvihom ftit wara li huwa zzewweg lill-mara l-ohra li ghandu issa.

**Quddiem il-Qorti in kontro-ezami**, l-attur xehed li bhalissa jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €150 kull gimgha, liema flus gejjin biss mill-pensjoni tieghu. Bhala pensjoni l-attur jghid li llum jiehu b'kollox €660 fix-xahar u f'kaz li l-pensjoni ma tkunx bizzejjed biex tkopri l-mamteniment kollu, huwa kien jirkorri ghall-ghajnuna ta' missieru li ilu jghinu sa mis-sena 1969. F'Settembru 2016, l-attur dahhal cirka €2,000 Euro bis-sahha tat-tifel tieghu izda ma dahhal xejn iktar. Bhalissa hemm sitt hutu l-ohra li ghandhom sehem fil-kumpannija ta' missieru, liema kumpanija ser tigi xjolta.

L-attur sostna li l-art u garaxx gewwa Hal Qormi li kien xtrahom fis-sena 1969 waqt iz-zwieg mal-konvenuta izda wara l-ewwel separazzjoni minn mal-konvenuta huwa ttrasferixxa l-proprjeta` f'isem il-kumpanija tieghu. Dak iz-zmien din il-proprjeta` kienet stmata fil-prezz ta' Lm80,000 izda llum hija stmata fil-prezz ta' cirka nofs miljun Euro ghalkemm huwa qieghed jitlob prezz ta' miljun u nofs Euro biex ibieghha. L-attur xehed li recentement, huwa kellu offerta biex ibiegh ghall-prezz ta' €600,000 izda jghid li l-kumpanija ghandha dejn ta' €400,000 mal-income tax u man-nutara u l-awditur biex jaggorna l-audits tal-kumpannija.

## **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

[1] Esebit a fol. 32.

Illi jirrizulta li l-partijiet kienu diga` sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' Novembu 1992 in atti tan-Nutar Carmelo Gafa` (Dok. PLS1)[2] izda kienu irrikonciljaw wara ftit taz-zmien. Madanakollu, huma regghu isseparaw u kkonkludew kuntratt iehor din id-darba fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia datat 24 ta' Lulju 2003 (Dok. LS2)[3], fejn ftiehmu hekk rigward l-obbligu tal-manteniment:-

"*Ghar-rigward l-obbligu tal-manteniment, il-partijiet jaqblu li r-Ragel ghandu jissomministra alimenti lil Mara u ghalhekk huwa qieghed jintrabat u jobbliga ruhu li jhallasha s-<u>somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha ghal hajjitha kollha</u>, liema somma ghandha tithallas kull gimgha bil-quddiem b'effett minn illum. B'dan li l-partijiet jaqblu li tali rata ta' manteniment ghandha tizdied skond iz-zieda fir-rata ta' inflazzjoni li tohrog skond l-att tal-ordinanza tad-dekontroll u dan kull perijodu ta' hames (5) snin, b'dan li r-rata ta' inflazzjoni tigi kkalkolata a bazi tad-differenza li jkun hemm fl-indici fil-perijodu indikat.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

In tema legali jinghad illi galadarba t-talba attrici tikkonsisti f'talba ghal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz **tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** li jiddisponi:-

"*(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi*".

F'dan il-kaz, jirrizulta illi l-kuntratt ta' separazzjoni konkluz bejn il-partijiet fl-24 ta' Lulju 2003, mertu tat-talba attrici ghall-varjazzjoni, ma fih ebda klawsola *ad hoc* li tipprovdi ghall-varjazzjoni ta' l-obbligu ta' l-attur ghall-hlas ta' manteniment lil martu. Irid jigi ghalhekk, anke fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, ezaminat jekk hemmx lok ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici f'dawn ic-cirkostanzi.

**L-Artikolu 54(9) tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:-

"*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

[2] A fol. 138.
[3] A fol. 10 *et seq.*

*Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjeta b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbilta kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. ..."*

Issir referenza wkoll ghall-**Artikolu 21(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi:-

"*Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa is-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz.*"

Jigi osservat illi fil-kaz ta' manteniment pattwit *ex contractu*, il-gurisprudenza iktar remota tal-qrati taghna kienet rigida fis-sens li kienet taghmilha prattikament impossibbli illi l-*quantum* ta' l-alimenti li jkun gie miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, jigi b'xi mod varjat. Biz-zmien, dik l-inflessibbilita' naqset u, in omagg ghall-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, f'cirkostanzi eccezzjonali u meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-parti tonora l-obbligi kuntrattwali, il-qrati kkoncedew li jvarjaw stipulazzjonijiet kuntrattwali dwar manteniment. Fis-sentenza **Mary Vella vs Mario Vella**[4], il-Qorti ta' l-Appell osservat illi f'kaz ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kas ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti. Madanakollu, il-Qorti f'dik is-sentenza riteniet ukoll illi:-

"*...tezisti l-possibilita ta` min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz jekk jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu.*"

Sussegwentement, f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Alfred Grech vs. Pauline Grech**[5], filwaqt li affermat li l-kriterji ghall-tibdil f'manteniment pattwit *ex contractu* ma baqghux daqshekk inflessibbli, dik il-Qorti abbracjat il-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appena citata u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-

"*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni.*

[4] Deciza 11 ta' Jannar 1996.
[5] Deciza 16 ta' April 2004.

*"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.*"

Iktar recentement, fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**[6], il-Qorti ta' l-Appell riteniet illi-

"*Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha il-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu*". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Saviour Galea vs Carmela Galea**, il-Qorti ta' l-Appell ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina kif ukoll referenza ghas-sentenza ***Vella vs Vella***[7] u ikkondividiet il-fehma ormai pacifiku illi l-Qrati taghna kellhom jikkoncedu illi jekk jikkonkorru cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' minn hu obbligat ghall-hlas tal-manteniment, li ipogguh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni tal-manteniment stipulat *ex contractu*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli in materja hija wahda ferm gusta u ghalhekk taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali recenti u tadottah pjenament[8].

Applikati ghalhekk dawn il-principji ghall-kaz in dizamina, il-Qorti tqis illi l-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni in dizamina ma jipprospettax espressament varjazzjoni fl-obbligu tal-hlas ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni tal-lum, stante illi l-Qorti xorta wahda fl-interess ta' l-ordni pubbliku, tirrizerva s-setgha li tirrevedi dan l-obbligu hija stess u, jekk l-attur f'dan il-kaz jirnexxielu jipprova li ssupervjenew dawk ic-cirkostanzi gravi u eccezzjonali kif imfissrin mill-gurisprudenza, li jgibuh fl-impossibbilita` li jkompli jissomminstra l-manteniment pattwit fl-istess kuntratt, allura t-talba tieghu tkun mhux biss ammissibbli izda wkoll gustifikata.

Ghalhekk, l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevat mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha mhumiex misthoqqa u qed jigu respinti.

Ikkunsidrat;

---

[6] Deciza 30 ta' Novembru 2012.

[7] Supra.

[8] Vide wkoll ***Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri***, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2016.

Fil-mertu, dak li jrid jigi investigat u determinat huwa jekk giex sodisfacjentement ippruvat mill-attur huwa illi minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fl-24 ta' Lulju 2003, ghaxar snin qabel giet intavolata din il-kawza mill-attur, kien hemm tibdil sinjifikanti fic-cirkostanzi minhabba ragunijiet gravi, eccezzjonali u serji, liema tibdil jesigi u jiggustifika varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment li huwa kien accetta bonarjament u liberament li jhallas lill-konvenuta.

Jinghad b'mod generali li f'materja ta' varjazzjoni ta' obbligazzjonijiet pattwiti kuntrattwalment, l-oneru tal-prova li jinkombi fuq l-attur biex juri li sehhew cirkostanzi supervenjenti li jiggustifikaw xi kambjament fl-obbligazzjoni, diga` huwa wiehed gravi. Izda hawnhekk, fejn il-varjazzjoni mitluba hija ta' l-obbligu tal-hlas tal-manteniment u kwindi qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu. Wara kollox, kif gie rapportat fil-kawza diga` citata fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**:-

"*F'materja ta' hlas ta' manteniment in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta' anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja*".

Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni ta' l-obbligu tal-manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti li sehhew cirkostanzi supervenjenti li huma serji u eccezzjonali u li jqieghduh f'impossibbilita` li jaqdi d-dover tieghu. Altrimenti, il-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew ta' l-ulied, jigu soggetti ghal tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas tal-manteniment, dan ghandu jigi permess.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, l-attur irid juri sodisfacentement u b'mod car u minghajr dubju, konkors ta` cirkostanzi gravi, precizi, univoci in sostenn tat-tezi tieghu. Izda minn ezami ta' l-atti huwa immedjatament evidenti li l-attur naqas b'mod manifest milli jressaq provi konvincenti biex juri s-supervenjenza ta' cirkostanzi gravi u eccezzjonali li jqieghduh fl-impossibbilita` li jkompli jonora l-obbligu li jhallas il-manteniment pattwit, lil martu.

F'din il-kawza xehed biss l-attur u ma tressaq ebda xhud iehor biex jikkonforta l-verzjoni tieghu li mhux dejjem kien konsistenti. L-attur jghid illi sehhew diversi cirkostanzi wara l-konkluzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fis-sena 2003, li gabuh finalment f'sitwazzjoni fejn illum,[9] l-uniku dhul tieghu huwa l-pensjoni kontributorja tieghu fis-somma ta' circa €650 fix-xahar[10], filwaqt li huwa marbut li jhallas lill-konvenuta manteniment ta' €150 fil-gimgha.

[9] Skont l-attur, sa minn Jannar 2015 – xhieda a fol. 210.
[10] Ara Dok. PLS9 a fol. 209. L-attur isemmi wkoll li jircievi s-somma ta' €17 kuljum f'benficcji tal-mard – fol. 34 u 35.

Fost ir-ragunijiet u cirkostanzi li skont l-attur jiggustifikaw it-talba tieghu u li jaghmluha impossibbli li jkompli jonora l-obbligu fil-quantum pattwit, insibu: it-tkeccija mill-impieg tieghu mal-kumpannija Greenlines fis-sena 2008, il-falliment tan-negozju tar-restaurant bl-isem Da Carmelo fis-sena 2004, il-falliment tat-tliet kumpanniji ta' l-attur, li ebda wahda minnhom ma baqghet topera wara s-sena 2004, il-problemi ta' sahha li jghid li ilu jbati minnhom sa mill-2002 u li minhabba fihom ma setax ikompli fin-negozju li kellu ma' missieru, in-nuqqas ta' hlas ta' sehmu mill-qligh min-negozju tal-bumping cars, u problemi ohrajn riskontrati minn ibnu fil-gestjoni ta' dan in-negozju. Madanakollu, ma jistax ma jigix osservat illi l-attur naqas b'mod assolut milli jissostanzja bosta minn dawn l-allegazzjonijiet.

L-attur isemmi wkoll li ghandu jaghti personalment ammonti sostanzjali lil diversi kredituri in konnessjoni mal-kumpanniji tieghu, li taghhom huwa l-uniku direttur, fosthom taxxa fuq id-dhul fis-somma ta' €180,000[11], €10,000 lill-awditur, €28,000 arretrati ta' hlasijiet ta' sigurta` socjali, €42,000 lill-Awtorita` ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji. Finalment, isemmi wkoll is-somma ta' €400,000[12] li skont hu hija dovuta mill-kumpannija tieghu in linea ta' arretrati ta' taxxa fuq id-dhul.

Apparti l-inkonsistenzi manifesti fil-verzjoni ta' l-attur dwar l-ammonti allegatament dovuti minnu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-attur naqas ukoll b'mod evidenti illi juri b'mod konvincenti li dan id-dejn ma kienx diga` ezistenti fis-sena 2003 meta kkonkluda t-tieni kuntratt ta' separazzjoni u accetta li jhallas is-somma ta' Lm55 fil-gimgha lil martu. B'mod partikolari, l-attur naqas b'mod assolut milli jressaq provi xhieda jew dokumenti relevanti biex jindika bi precizjoni l-esigibbilita` u l-ammont ta' dawn id-debiti.

Ezami ta' l-*audited accounts* tat-tliet kumpanniji ta' l-attur ghas-sena 2011[13] jirrileva s-segwenti: Jolly Leisures Co. Limited kellha taghti taxxa addizzjonali ta' €8,613[14] ghall-prezentata tardiva matul is-snin tar-rendikonti tat-taxxa[15]; A (B) C and Sons Limited kellha taghti arretrati ta' taxxa u hlasijiet ta' sigurta` socjali li, sas-sena 2011, lahqu s-somma komplessiva ta' €39,361, oltre €5,875 dovuta ghal VAT mhux imhallas ghall-perijodu Jannar 1999 sa Frar 2002; filwaqt li Interchem Worldwide Limited kellha taghti taxxa addizzjonali ta' €7,639 fuq prezentata tardiva tar-rendikonti tat-taxxa matul is-snin[16]. Mill-istess *audited accounts* esebiti mill-attur, jirrizulta wkoll li l-ammonti dovuti bhala taxxa addizzjonali u VAT kienu *under dispute* fis-sena 2011. L-attur baqa' ma ressaq ebda prova ulterjuri dwar l-ezitu tal-kontestazzjoni tieghu ta' dawn l-ammonti.

Jirrizulta ulterjorment, anke mix-xhieda ta' l-attur stess, illi l-arretrati ta' hlasijiet tas-sigurta` socjali kienu dovuti fuq l-impieg ta' wliedu u ta' impjegati ohrajn fil-kumpannija A (B) C and Sons Limited, u mill-*audited accounts* relattivi, jidher illi

---

[11] Isemmi wkoll taxxa dovuta fuq *ex officio assessment* ta' €168,000 – fol. 136.
[12] Pagna 7 tax-xhieda ta' l-attur fis-seduta tas-6 ta' April 2017.
[13] Dok. PLS4, PLS5 u PLS6.
[14] Fol. 183.
[15] Dan l-ammont gie stabbilit fis-sena 2010.
[16] Dan l-ammont gie stabbilit fis-sena 2010.

dawn l-arretrati gew *carried forward* mis-snin ta' qabel. Infatti, l-attur stess xehed illi l-kumpannija waqfet topera fis-sena 2004 u l-kumpanniji kollha fallew f'dak iz-zmien. Ghalhekk s'intendi, dawn l-ammonti lkoll kienu ilhom dovuti sa minn meta l-kumpaniji kienu ghadhom qed joperaw, cioe` qabel is-sena 2004, u akkumulaw matul is-snin. L-attur stess xehed li s-socjeta` Jolly Leisure Co. Limited ilha ma topera mis-sena 1995

Fuq kollox, huwa evidenti li l-qaghda tal-kumpaniji l-ohrajn tieghu kellha tkun ben maghrufa lill-attur fiz-zmien meta kkonkluda l-kuntratt ta' separazzjoni f'Lulju 2003. Id-dirigenti ta' negozju ma jistghux ma jkunux edotti mill-istat finanzjarju prekarju tan-negozju taghhom u infatti, id-diffikoltajiet finanzjarji tan-negozju l-ewwel ma jsarrfu f'nuqqas ta' adempiment ta' obbligi fiskali. Negozju generalment ma jfallix mil-lum ghal ghada, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' hlas ta' taxxa u sigurta` socjali li gejjin mill-operat tan-negozju huma ben prevedibbli.

Il-Qorti ghalhekk ma hijiex konvinta illi fil-kaz odjern, id-debiti li l-attur jghid li huma dovuti mill-kumpanniji tieghu u li ghalihom jista' jkun personalment responsabbli, jinkwadraw bhala cirkostanzi gravi u eccezzjonali li supervjenew il-kuntratt ta' separazzjoni, u lanqas ma hija konvinta li l-attur ma kienx jaf bihom jew ma setax jipprevedihom fiz-zmien meta nnegozja t-tieni kuntratt ta' separazzjoni minn mal-konvenuta u accetta li jhallasha l-ammont stipulat. Ghall-kuntrarju, l-attur ma gab ebda prova biex juri li fis-sena 2003 il-qaghda finanzjarja tieghu u tal-kumpanniji u negozji tieghu kienet wahda tajba u l-aspettattivi ghall-futur ukoll kienu tajbin.

Fuq kollox, l-istqarrija tieghu li huwa kien taht pressjoni minn uliedu biex jaccetta li jhallas l-ammont pattwit tal-manteniment[17], jikkonvinci ulterjorment lill-Qorti li l-attur kien konxju tac-cirkostanzi finanzjarji li llum jipprova jpingihom bhala cirkostanzi eccezzjonali u gravi li ssupervenjew il-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalkemm l-attur jghid li dak iz-zmien meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni "*l-affarijiet kienu ahjar*"[18], din id-dikjarazzjoni giet kontradetta minnu stess meta xehed in kontro-ezami. Infatti, l-iktar prova skjaccanti li hemm fl-atti li fil-fehma tal-Qorti tirrendi t-tezi ta' l-attur mill-iktar inattendibbli, hija s-segwenti bran mid-depozizzjoni tieghu:-

"*Sat-2012 sakemm hadt id-divorzju minn mal-konvenuta D E, il-problemi finanzjarji kienu ikbar. Qed nghid anke ghal qabel ma hadna s-separazzjoni. Solvejthom ftit dawn il-problemi wara li jien izzewwigt lill-mara l-ohra li ghandi issa.*[19]" [Sottolinejar tal-Qorti]

In propositu tad-divorzju bejn il-partijiet u z-zwieg sussegwenti ta' l-attur, l-istess attur esebixxa kopja legali ta' l-atti tal-proceduri ta' dan id-divorzju[20] liema proceduri gew istitwiti minnu fl-10 ta' Novembru 2011, precizament sentejn qabel fetah din il-kawza. Il-Qorti fliet dawn l-atti bir-reqqa u ma tistax ma tinnotax illi ghalkemm il-konvenuta kkontestat l-azzjoni ghad-divorzju billi qalet, *inter alia*, li

[17] Affidavit ta' l-attur, fol. 30
[18] Fol 30.
[19] Seduta tal-11 ta' Gunju 2015 a fol. 222
[20] Dok. LS1, fol. 55 *et seq.*

l-attur qatt ma hallas iz-zieda fil-manteniment skont l-indici tar-rata ta' l-inflazzjoni kif kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni[21], l-attur ma sab ebda diffikolta` jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €3,354.80[22] biex jissalda l-arretrati pretizi minnha, halli jfittex jottjeni d-divorzju u jizzewweg lit-tieni mara tieghu. F'ebda waqt tul dawn il-proceduri ma gie allegat mill-attur li huwa ghandu diffikoltajiet finanzjarju, wisq anqas li jinsab fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment jew il-pendenzi pretizi mill-konvenuta.

Ghall-kuntrarju, fl-Affidavit tieghu stess ipprezentat[23] fl-atti tal-proceduri tad-divorzju, l-attur iddikjara li ta' <u>spiss kien jaghti lill-konvenuta minn jeddu, iktar flus mill-ammont dovut lilha bhala manteniment</u>. Fuq kollox, jirrizulta li <u>ftit iktar minn sena wara</u> li l-attur ottjena d-divorzju minn mal-konvenuta u rega' zzewweg, istitwixxa il-kawza odjerna biex inaqqas il-manteniment dovut lill-ewwel mara tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma gabx provi sodisfacenti biex isostni l-allegazzjoni tieghu illi huwa jghix bl-ghajnuna ta' missieru, tal-familja tieghu u tat-tfal, u tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, lanqas ma hija konvinta illi l-uniku introjtu li ghandu l-attur huwa mill-pensjoni tieghu. Inoltre, il-Qorti tqis illi r-ragunijiet migjuba mill-attur biex jiggustifika t-talba tieghu ghall-varjazzjoni ta' l-obbligu tal-manteniment ma jikkonfigurawx bhala cirkostanzi eccezzjonali u gravi li sehhew wara l-kontrattazzjoni ta' l-obbligu tal-manteniment u li kienu wkoll indipendenti minn u barra mill-kontroll ta' l-attur. Il-fatt illi l-attur halla dejn, specjalment dawk ta' natura fiskali, jakkumula matul is-snin certament ma jistax jitqies bhala cirkostanza li hija barra mill-kontroll tieghu.

Lanqas jista' l-fatt li llum l-attur huwa pensjonant u l-introjtu tieghu jikkonsisti biss fil-pensjoni, jghin lill-attur f'din il-kawza. L-istipulazzjoni kontrattwali dwar il-manteniment fil-kuntratt in dizamina hija cara fis-sens illi l-obbligu intrapriz minnu kien illi jibqa' jhallas manteniment fis-somma ta' Lm55 fil-gimgha lil martu <u>ghal hajjitha</u>. Ma jistax ghalhekk jilmenta li l-pensjoni tieghu ma hijiex sufficjenti sabiex jonora l-obbligu tieghu, ghaliex it-tnaqqis fil-kapacita` lavorattiva tieghu iktar ma javvanza fl-eta`, specjalment meta stqarr huwa stess li ilu jbati minn *coronary heart disease* mis-sena 2002, messu kien previst. Ghalhekk il-Qorti tqis li dan il-fattur l-attur hadha in konsiderazzjoni meta nnegozja u accetta li jhallas il-manteniment pattwit. F'kull kaz jidher li l-problemi ta' sahha li jbati bihom l-attur affettwaw biss in-negozju li kellu ma' missieru li jidher li kien jinvolvi attivita` fizika.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ma jezistux l-estremi sabiex issir varjazzjoni tal-quantum tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' l-24 ta' Lulju 2003.

## <u>**Decide**</u>

---

[21] Ta' l-24 ta' Lulju 2003.
[22] Fis-6 ta' Gunju 2012.
[23] Fit-30 ta' April 2012, a fol. 77

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa’ t-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-konvenuta u tichad il-bqija ta’ l-eccezzjonijiet, tichad it-talbiet attrici.

B’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Imhallef** **Deputat Registratur**